**Minuti tal-Laqgħa ta' nru 1 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 4 ta' April 2012 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt. Il-laqgħa tal-Kunsill tmexxiet mill-aktar kunsillier anzjan,il-kunsillier is-Sur Joe De Martino.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.25 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.40 p.m, | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.37 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35 p.m,. | 8.20 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

## 1.0 Introduzzjoni

1.01 Il-Kunsillier Joseph De Martino bħala l-Kunsillier Anzjan mexxa l-laqgħa u għamel l-introduzzjoni tiegħu.

Huwa enfasizza dwar il-fatt li l-Kunsill irid ikun viċin il-Mostin li eleġġewħ. Semma bħala eżempju fuljett u l-mezzi elettroniċi kollha li żgur għandhom jgħinu biex jintlaħaq dan il-għan.

Huwa enfasizza dwar il-fatt li kull kunsillier għandu x'jagħti bħala kontribut. Anke meta l-opinjonijiet tagħna jkunu xi ftit differenti minn ta' xulxin xorta wieħed għandu jesprimi l-ideat u l-ħsibijiet tiegħu. Fl-aħħar dak li jgħodd hu li jsir il-ġid u dan għar-residenti Mostin.

Irid ikollna Kunsill li jaħdem b'ħeġġa u determinazzjoni u ma jaqtax qalbu ma' xi intoppi li jistgħu jitfaċċaw quddiemu. L-infiq li jsir għandu jkun wieħed li jsir bi trasparenza u b'effiċjenza.

Is-Sur Joseph De Martino awgura lis-Sindku l-ġdid, it-tabiba Shirley Farrugia li taħdem b'determinazzjoni u entużjażmu matul dawn it-tliet snin ta' din il-leġiżlatura.

**2.00 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Sindku**

2.01 Dr Ian Micallef, Kummissarju tal-Ġustizzja kien preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill u quddiemu l-kunsilliera t-tabiba Shirley Farrugia iffirmat fejn aċċettat il-kariga ta' Sindku tal-Kunsill ta' il-Mosta.

Hija wkoll sollennement affermat illi taqdi fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet bħala Sindku skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

**3.00 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku**

3.01 Quddiem l-istess Kummissarju il-kunsillier is-Sur Joseph P. De Martino iffirma fejn aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill ta' il-Mosta.

Huwa wkoll sollennenment ħalef illi jaqdi fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet bħala Viċi Sindku skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

**4.00 Ħatra ta' Responsibiltajiet tal-Kunsilliera**

4.01 Is-Segretarju qassam lill-kull kunsillier kopja tad-dekasteri tal-kunsilliera għal din is-sitt leġislatura.

Il-Kunsillier Alexander Muscat fakkar lis-Sindku li hu jixtieq jaqsam ir-responsabilita' ta' l-Isport mal-Kunsilliera Kirby Fenech u allura id-dekasteru ta' l-Indafa Pubblika marret fuq is-Sindku stess.

Kull kunsillier għandu iġib lista tal-membri tas-sottokumitati li jixtieq ilaqqa'.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.20 p.m.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv

# SITT LEĠISLATURA
# Dekasteri
# Tal-Kunsilliera
# April 2012

| | | |
|---|---|---|
| Dr. Shirley Farrugia | Sindku | Toroq u Proġetti,<br>Ġonna, Playing Fields u Soft Areas<br>Ambjent Rurali u Urban<br>Finanzi u Kuntratti<br>Riżorsi Umani<br>Relazzjonijiet Pubbliċi u Internazzjonali<br>Publikazzjonijiet<br>Żoni Oqsma tad-Djar<br>Rappreżentant fuq Kumitat Kongunt (LES) |
| Joseph P. De Martino | Viċi Sindku | Wirt Storiku<br>Edukazzjoni u Korsijiet<br>Librerija Pubblika<br>Rappreżentant fuq Kumitat Konġunt (Street Lighting) |
| David Meilak | Kunsillier | Anzjani u Djar ta l-Anzjani<br>Saħħa u Promozzjoni tas- Saħħa<br>Settur Kummerċjali |
| Mifsud Marthese | Kunsillier | Żgħażagħ |
| Keith Cassar | Kunsillier | Għaqdiet Soċjali u Reliġjużi |
| James Cassar | Kunsillier | Attivitajiet u Kultura |
| Alexander Muscat | Kunsillier | Indafa Pubblika, Separazzjoni ta' l-Iskart |
| Brian Bezzina | Kunsillier | Turiżmu u Trasport Pubbliku |
| Kirby Fenech | Kunsillier | Sport |
| Mario Sammut | Kunsillier | Persuni bi Bżonnijiet Speċjali |
| Dr Rachel Tua | Kunsillier | Affarijiet Legali,<br>Sigurta u Ordni Pubblika |